# MELITA BAND CLUB

## MSIDA

A.D. 1922



*Falzon's Studio* *B'kara*

# FESTA TA' SAN ĠUŻEPP

## MSIDA

**18 TA' LULJU, 1965**

# LESA

**BATTERY & MAINS TAPE RECORDERS**



## THE BEST MONEY CAN BUY

*Sole Agents:*

# 20TH CENTURY SALES & SERVICE

**84, ST. JOHN STREET**

**VALLETTA**

Dial 21873

# IL-KUMITAT TAL-BANDA "MELITA"

**President:**
Is-Sur J. M. Cassar Naudi

**Viċi-President:**
Is-Sur J. Vella

**Segretarju:**
Is-Sur C. Taliana

**Assistent Segretarju:**
Is-Sur L. Bartolo

**Teżorier:**
Is-Sur V. Sciberras

**Direttur Ġenerali:**
Is-Sur C. Azzopardi

**Assistent Direttur Ġenerali:**
Is-Sur E. Catania

**Membri:**
Is-Sinjuri: E. Azzopardi, F. Camilleri, P. Cassar, R. Farrugia, J. Frendo, A. Mallia, J. Sciberras u E. Zerafa.

**Membru fuq il-Kunsill tal-Malta Band Clubs Association:**
Is-Sur E. Azzopardi

**Delegat tal-Malta Band Clubs Association:**
Is-Sur J. M. Cassar Naudi

**Membru fuq il-Kumitat Eżekuttiv tal-Kumitat Ċiviku Msida u Pietà:**
Is-Sur C. Taljana

**Delegat tal-Kumitat Ċiviku Msida u Pietà:**
Is-Sur J. Vella

**Direttur Spiritwali:**
Ir-Rev. Dun A. Caruana

**Surmast u Direttur:**
Mro. Ph. Gatt, F.L.C.M., A.R.C.M.

# SAVOY GARAGE

(PROP. J. PACE)

PRIVATE BUSES

CARS and VOLKSWAGENS

*for Hire Service*

*at Moderate Prices*

246 - 250, D'ARGENS ROAD, GZIRA

or

SLIEMA ROAD, GZIRA

(opposite Marshall Court)

Phone: Sliema 31332

*DAY AND NIGHT SERVICE*



# IL-BANDA "MELITA"

Il-Każini tal-Baned ta' Malta huma veri istituti kulturali. Is-Soċjetà Filarmonika hija wkoll edukattiva. Bis-saħħa tagħha jiġi mogħti t-tagħlim tal-mużika u tinżamm ħajja fil-pajjiż, l-aktar fost iż-żgħażagħ, il-ħeġġa għal din l-arti ħelwa u dejjem mixtieqa.

Il-Banda "Melita" twieldet fl-Imsida fl-1922, u l-ewwel post li okkupat din is-Soċjetà kienet id-dar tal-kolonni f'Rue D'Argens; wara kienet id-dar fejn il-lum insibu s-Sorijiet tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù; minn hemmhekk is-Soċjetà kisbet il-post li għandha l-lum fi Pjazza Palma. Fil-Każin "Melita" sa ftit żmien ilu kienu jinsabu wkoll l-Azzjoni Kattolika flimkien mas-Sala Parrokkjali. U meta ssemmi l-Każin tal-Banda "Melita", għandek tiftakar fiċ-Champions tal-Billiard li dejjem għamlu unur kbir matul iż-żmien lill-Banda tagħna u lill-Imsida.

Hekk ukoll il-Każin tal-Banda "Melita", bħal każini oħra f'Malta, permezz tal-Kumitati tiegħu dejjem qeda d-dmirijiet tiegħu u minnu nsibu bosta li lilhom ġie mogħti t-tagħlim tal-mużika.

Għax proprjament id-dmir prinċipali tal-Banda huwa dak li tkabbar l-arti mużikali. Dan sar u nistgħu niftaħru li minn taħt idejn is-Surmastrijiet għaqlin li dejjem mexxew il-Banda tagħna ħarġu bandisti kapaċi.

Is-Surmastrijiet tal-Banda "Melita" kienu dejjem b'għan wieħed: li jmexxuha iktar 'il quddiem. Il-Banda tal-pajjiż tidħol bla dubju fil-festa ta' pajjiżna, u anki hawn dejjem tat kontribut tajjeb. Hija ferrħitna bid-daqq ferrieħi tal-marċi brijużi, waqt li nikktitna meta bil-marċi funebri tagħha ħadet sehem fil-funeral ta' nies prominenti f'pajjiżna.

Din hija l-ħajja tal-Banda "Melita", ħajja mimlija attività u ħidma.

Hija ma' tul iż-żmien dejjem tat lill-membri tagħha rikreazzjoni xierqa, u tinsab kburija li dejjem kienet minn ta' quddiem biex tagħti għajnuna lil min kien bżonnha.

Ta' dan kulħadd jinsab grat lejn il-Banda "Melita", u nixtiequ li 'l quddiem aktar tiffjorixxi. Għaliex kif matul dawn it-43 sena ta' ħajja għexet hekk ukoll bl-istess spirtu magħqud mal-kooperazzjoni ta' kulħadd, din il-ħajja mgħoddija tkun ta' inkuraġġiment għall-quddiem.

# PROGRAMM TA' MARĊI

Li ser jiżżanżnu mill-Banda "Melita" u li ser jindaqqu nhar il-Ġimgħa, 16, is-Sibt, 17, u minn fuq ir-Rediffusion, nhar il-Ħadd, 18 ta' Lulju, 1965, fis-2.00 p.m. fil-festi f'ġieh

## IL-KBIR PATRIJARKA SAN ĠUŻEPP

1. Marċ — "La Fontana" — Ph. Gatt.
2. „ — "Rooty Hill" — E. Morello.
3. „ — Joyful Day" — A. Gatt
4. „ — "The Great Siege" — C. Zammit.
5. „ — "Pope Paul VI" — L. Bongailas
6. „ — "Uhuru" — A. Gatt.
7. „ — "Lil Missieri Ruġġieru" — J. Mick.
8. „ — "Josephine" — Ph. Gatt.

Innu tal-Banda "Melita"

Mro. Ph. Gatt, F.L.C.M., A.R.C.M.

**N.B.** — Din is-sena l-Marċ ser jibda minn quddiem il-Knisja u l-ewwel jidħol in-naħa ta' ġewwa. Jagħmel l-istess rotta, biss bil-maqlub tas-soltu.

IL-KUMITAT.


# JOSEPH CAMILLERI

## Tiles & Mosaics Works

18, VALLEY JUNCTION — MSIDA

L-istess kuntrattur li ħadem il-Madum tal-pjan t'isfel u l-Mużajk fl-intrata tal-Każin tal-Banda "Melita".

# PROGRAMM MUŻIKALI

li sejjer jindaqq mill-

"BANDA "MELITA"

Nhar is-17 ta' Lulju, 1965

**Lejlet il-Festa tal-**

## KBIR PATRIJARKA SAN ĠUŻEPP

Quddiem il-Knisja ta' l-Imsida, mit-8.00 p.m. 'il quddiem

Taħt it-tmexxija tas-Surmast

PH. GATT, F.L.C.M., A.R.C.M.

Innu tal-Papa

| | | |
|---|---|---|
| Innu Marċ | "San Ġużepp" | E. Morello |
| Sinfonia | "Unfinished" | F. Schubert |
| Selection | "Madame Butterfly" | G. Puccini |
| Pages Symphoniques Op. 9, No. 3 | "Addio . . . amore" (Sogno) | A. Gatt |
| Symphonic March | "Palermo" | J. Marchetti |

Innu tal-Banda "Melita"

Innu Malti


**ANT. FILLETTI**

**Electrical & Plumbing Contractor**

64, KINGSWAY — VALLETTA

Phone: 24341

Ser tiżbogħ? Ejja għand

## CARSONS PAINT CENTRE

MSIDA

Fejn issib makna unika li tagħtik fi'nqas minn minuta kull wieħed 'il fuq minn kull 1,000 kulur li inti tagħżel.

Isib din iż-żebgħa: PLASTIC EMULSION - ENAMEL GLOSS EGGSHELL u UNDERCOATING, tal-Marka **ULTRALUX** kull ħin li trid, minn pinta sa gallun fil-kuluri kollha ŻEBGĦA Ingliża u garantita mill-Good Housekeeping Institute.

CARSONS PAINT CENTRE

**44, TA' XBIEX SEA FRONT — MSIDA**

Tel. 33479

## JOHNSONS STORE

(Prop. J. DEBATTISTA)

**41, MSIDA SEA FRONT — MSIDA**

Sole Agents:

**Long Life Mattresses**

*5 Years Guarantee*

Tel. C. 28526

# INNU LIL SAN ĠUŻEPP

*Versi ta' Dun F. Camilleri*
*Mużika ta' Mro. E. Morello*



O kbir Ġużeppi Mqaddes,
Missier l-iktar ħanin
Tal-foqra u tal-għonja,
Tal-kbar u taċ-ċkejknin.

Imbierek fl-art u s-sema
Mill-anġli u mill-bnedmin
Fil-kant u t-talb ta' qlubna,
F'imħabbtek magħqudin.

Haddiem u fqir, imm'Alla għażlek
Biex tħarsu Int 'l Ibnu Ġesù;
Rak hekk ħanin, b'dik qalbek safja,
Ruħek bil-ġmiel ta' mitt virtù.

O kbir Missier li fost l-imħabba
Bħala Għarus l-iktar qaddis
Tal-Verġni u Omm ta' Min ħalaqna,
Kif kont maħbub, hekk bqajt għażiż


# PANTA LESCO

## ELECTRICAL CONTRACTORS

67, OLD BAKERY STREET

VALLETTA

Phone 25128

# ATTIVITAJIET FIL-KAŻIN

Din is-sena, bħas-snin ta' qabel, il-Kumitat tas-Soċjetà ħaseb biex iżid l-opri ma' dawk magħmulin minn Kumitati oħra. B'hekk kull sena, is-Soċjetà qiegħda tmur 'il quddiem bl-isperanza li fl-aħħar il-Każin jilħaq il-livell ta' Każini oħra f'Malta. Din hija x-xewqa li kull Misidjan dilettant tal-Banda għandu u li jrid jara li tiġi mwettqa fil-viċin. Dan għandu wkoll jingħad għall-Misidjani kollha li għandhom ukoll, bħan-nies ta' bliet oħra, ikollhom għal qalbhom, il-Każin tal-Banda ta' pajjiżhom.

Din is-sena, il-Kumitat ikkonċentra fuq il-kmamar tal-mogħdija taż-żmien u l-intrata. Sar madum ġdid fil-pjan t'isfel u zokklu tal-mużajk fl-intrata. Id-dwal ta' dan il-pjan ġew magħmulin "fluorescent", filwaqt li l-intrata ġiet mogħtija aspett ieħor bl-"indirect lighting". Il-Kumitat jirringrazzja wkoll lis-Sur Consiglio D'Amato, l-Aġent tat-Televisions "Loewe Opta" għall-fanal sabiħ tal-kristall li huwa ippreżenta lis-Soċjetà għall-intrata għall-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp.

Il-Billiard-room ġiet miżbugħa bil-Plastic Emulsion u mdawra b'bankijiet ġodda għall-kumdità tal-membri waqt il-logħob tal-Billiard. Kmieni din is-sena, il-pannu tal-Billiard sar ġdid u nxtraw xi oġġetti oħra biex iżejnu lill-istess sala.

Għall-festa ta' San Ġużepp, il-Kumitat ħaseb biex iżanżan set marċi ġodda (aktar tagħrif dwarhom jinsab fil-paġni tan-nofs ta' dan il-programm).

Inxtara wkoll Tamburlin ġdid għall-istess okkażjoni.

Ġie wkoll maħsub biex il-Misidjani kollha, nisa u rġiel, ikunu jistgħu jgawdu ftit mill-funzjonijiet soċjali li torganizza s-Soċjetà. Il-Misidjani kollha, minn Settembru 'l quddiem, ikunu jistgħu jiġu l-Każin biex jilagħbu t-Tombla. Din diġà ġiet imfaħħra ħafna għall-organizzazzjoni tagħha, l-ordni u l-kwiet meta kienet issir kmieni din is-sena. Ġiet imwaqqfa fl-istaġun tas-sajf, u kif diġà ngħad fuq sejra terġa' tibda ssir għall-aħħar ta' Settembru.

Il-Kumitat qed jieħu aktar passi biex ikun hemm aktar kumdità fil-Każin għas-soddisfazzjon tal-pubbliku meta terġa' tibda ssir.

Fl-aħħar, il-Kumitat jistieden il-Misidjani kollha biex fil-festa ta' San Ġużepp, meta l-Każin ikun miftuħ għall-pubbliku, jiġu l-Każin biex huma stess jaraw il-progress li sar u l-opri l-ġodda.

# JOKATE STORE

*Sole Agent for*

**Pozzi Refrigerators & Cookers**

*and*

**Irradio Radios, Car Juke Boxes**

**& Televisions**

*Dealers in*

**Washing Machines**

and other

HOUSEHOLD APPLIANCES

EXPERT REPAIRS

*Apply*

43, GUARDAMANGIA HILL

PIETA'

**Telephone: Central 21012**

## LOEWE OPTA TELEVISION

THE ONLY SET

THAT WON THE MARKET

## LINDE REFRIGERATORS

THE FRIDGE

THAT IS WINNING THE MARKET

## INDESIT

FULLY AUTOMATIC WASHING MACHINES

---

SOLE AGENT:

## CONSIGLIO D'AMATO

WESTERN RADIO SERVICE

701, High Street, Hamrun.

Tel. 28356


"EMPIRE PRESS"